## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 462/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Seduta tal-24 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-appellant, Christopher Abela, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 186269M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) Nhar it-23 ta' Novembru, 2013 ghall-habta ta' 23:00hrs gewwa Bormla, Paola, bhala sid ta' Taboo Bar, Paola indaqq [sic.] strument tal-muzika jew strument iehor li ghamel hoss, jew ghana, jew sabiex ibiegh fit-toroq, ibiegh, iqassam jew ixandar xi oggett, ghajjat fi triq, f'hanut jew f'lok pubbliku iehor, wara li kien imwissi biex ma jissoktax mid-detentur jew mill-persuna li tkun toqghod f'bini qrib, minhabba l-mard ta'

persuna f'dak il-bini jew ghal xi raguni ohra tajba, jew wara li kien hekk imwissi mill-Pulizija u dan bi ksur tal-Art 41(1) tal-Kap 10;

2) Kif ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ippermetta jew halla min ipejjep f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku fejn ikun ofrut ikel u xorb u dan bi ksur tal-LN 414/2004;

3) Kif ukoll nhar 24.11.2013 ghal habta ta' 01:30 hrs zamm l-istess stabbiliment miftuh wara 01:00hrs u dan bi ksur ta' LS441.07 it-Tielet Skeda, Taqsima II 03;

4) Kif ukoll ghamel b'diversi atti mghamula minnu ukoll fi zminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Art 18 tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Ottubru, 2016 li biha sabet lill-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tieni, u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illiberatu minn kull htija u piena dwarhom, izda sabitu hati tat-tielet imputazzjoni w kkundannatu ghal ammenda ta' erba' mitt euro (€400) u ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta issospendiet l-liċenzja mogħtija lill-imputat f'dak li għandu x'jaqsam mal-eserċizzju ta' dik l-attivita' kummerċjali żvolta mill-istabbiliment de quo għal perjodu ta' ħmistax il-jum;

Rat ir-rikors ta' Christopher Abela, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermaha** fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, **thassarha** u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena **jew, tirriformaha u tvarjha** in kwantu l-piena billi

minflok l-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata kwantu s-sejbien ta' htija tieghu fit-tielet imputazzjoni, jigifieri dik li halla l-hanut miftuh wara l-hin permess skond il-licenzja tieghu. Huwa jressaq l-argument illi l-ewwel Qorti interpretat il-fatti kif ukoll il-ligi b'mod errat. Il-fatt li f'dak il-hin kellu ix-shutter nofsu mnizzel u minghajr nies fil-hanut ma jfissirx li kien miftuh ghan-negozju u allura kontra l-ligi. Isostni inoltre illi l-licenzja tieghu kienet tintitolah jibqa' miftuh sas-siegha ta' filghodu u ma hemm xejn irregolari li dak li jkun jibqa' fil-hanut biex inaddaf anke jekk b'nofs ix-shutter mnizzel;

2. Mill-atti jirrizultaw is-segwenti. WPS 167 xehedet illi fit-23 ta' Novembru, 2013 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija, s-Sur Conrad Borg mar l-ghassa ta' Paola biex jirrapporta inkonvenjent konsistenti fi storbju derivanti minn Taboo Bar. Il-Pulizija accediet fil-fond in kwistjoni u hemm sabet persuna qed tpejjep pero dak hu mertu ta' imputazzjoni ohra mill-liema l-appellant kien liberat. Gara izda, illi fis-siegha u nofs ta' filghodu, il-Pulizija irceviet telefonata ohra dwar storbju barra dan il-hanut u din il-parti tad-deposizzjoni ser tkun riprodotta ghall-aktar kjarezza:

*"Ghall habta ta 01:30am ircevejna telefonata ohra l-ghassa Rahal Gdid illi kien hemm xi storbju barra u sabet il-hanut b'nofs is-shutter imnizzel. IL-Pulizija tkellmet ma' Christopher Abela fejn stqarr illi huwa kien applika ghall-permess sabiex jibqa' miftuh sa l-erbgha ta' filghodu izda il-permess kien gie mizmum mill ghassa. Hu gie infurmat illi ser jinhargu l-akkuzi relatati".*

3. Mid-deposizzjoni tar-rapprezentant tal-Malta Tourism Authority, jirrizulta illi l-appellant kien awtorizzat jibqa' miftuh sas-siegha ta' filghodu b'dan illi ma setghax idoqq muzika aktar tard mill-hdax ta' filghaxija. Dak izda, li hu ta' rilevanza fil-kwistjoni odjerna hu li meta WPS 167 ghamlet referenza ghax-shutter nofsu mnizzel ma spjegatx jekk dan ratux hi b'ghajnejha jew kienitx qed tirrakkonta dak li qalilha haddiehor. Meta tghid "*u sabet il-hanut b'nofs is-shutter imnizzel",* ma tghidx ghal min qed tirreferi u tul l-affidavit taghha tirreferi biss ghall-Pulizija u mhux ghaliha. Konsegwenza ta' dan ma hemmx htiega li din il-Qorti tinoltra f'diskussjoni ulterjuri ghajr illi l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha jekk dak li rrakontat l-ufficcjal tal-Pulizija, apparentement l-uniku xhud in rigward din l-imputazzjoni, huwa dak li kkonstata haddiehor, senjatament il-Pulizija b'mod generali.

4. Illi ghalhekk l-appellant ghandu ragun u konsegwentement, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni aggravju, tilqa' l-appell u tvarja is-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha ma sabitx htija fl-appellant kwantu l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni u thassarha f'dik il-parti li biha sabet htija fit-tielet imputazzjoni. Thassarha ukoll f'dik il-parti li biha ssospendiet il-licenzja tal-imputat ghal zmien hmistax.